MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 4/2009

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT Dr FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz Nru 4/2009 FDP**

**Fl-ismijiet:**

**James Delmar (ID 94980M) f'ismu u ghan-nom u in rapprezentanza ta' bintu Martina Frances Christine delmar ta' sentejn u erba xhur**

**vs**

**Charlene Delmar (ID 362583 M) u**

**Carmen Aquilina (ID 94980 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat fit-23 ta' Dicembru 2008 mir-rikorrent fejn huwa, in succint, talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati talli immalafamaw lir-rikorrenti bil-ghan li jitlef jew titnaqqaslu r-reputazzjoni tieghu anke bhala missier ta' bintu Martina attwalment ta' sentejn u erba xhur meta b'diversi atti gew ippubblikati jew imqassma f'Malta kitbiet u kummenti guramentati dwar fatti, agir jew imgieba mill-attur James Delmar fil-konfront tal-konvenuti u ta' l-ghaziza bintu minuri Martina Frances Christine Delmar, li assolutament u katergorikament huma bla ebda bazi u totalment infondati kemm bhala fatti u fid-dritt.

Rat illi, fir-rikors verbuz u inutilment voluminuz tar-rikorrenti, huwa talab illi l-istess intimati ihallsuh danni fl-ammont ikkontemplat fl-artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat ir-risposta tal-konvenuti fejn laqghu ghall-akkuzi maghmulha fil-konfront taghhom billi ecceppew is-segwenti:-

1. Li, fl-ewwel lok, preliminarjament, l-azzjoni attrici hija nulla abbazi ta' l-artikolu 780 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-attur James Delmar m'huwiex awtorizzat sabiex jirrapprezenta lill-bintu minuri f'azzjoni gudizjarja fil-konfront ta' inter alia omm l-istess, l-eccipjenti Charlene Delmar sive Delmar Aquilina.

2. Illi, bla ebda pregudizzju ghall-premess, fit-tieni lok, u wkoll in linja preliminari, il-minuri Martina Frances Christine Delmar hija karenti mill-interess guridiku mehtieg biex tesperixxi l-azzjoni odjerna.

3. Illi, fit-tielet lok, minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-ebda azzjoni taht l-Att dwar l-Istampa ma tista titnissel dwar il-pubblikazzjonjiet li dwarhom qieghed

jilmenta l-attur, u dan a tenur ta' l-Artikolu 33(d) tal-Kap 248.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fir-raba lok, il-fatti attribwiti lill-attur mill-eccipjenti huma kollha veritjeri u ghalhekk ma jikkostitwixxu l-ebda malafama, u l-eccipjenti temmen li l-proceduri odjerni huma intizi biss sabiex ixekklu u jostakolaw l-produzzjoni ta' xhieda fil-proceduri ta' separazzjoni personali pendenti bejn l-eccipjenti Charlene Delmar sive Delmar Aquilina u l-attur James Delmar.

Rat l-istqarrija guramentata ta' **James Delmar** ipprezentata kontestwalment mar-rikors promotur, kif ukoll rat ix-xhieda tieghu viva voce moghtija fit-2 ta' Frar 2011.

Rat z-zewgt ittri mibghuta mill-konsulent legali ta' Charlene Delmar datati 14 ta' Awissu 2008, wahda indirizzata lill-intimat u l-ohra indirizzata lill-Ispettur ta’ l-Ghassa tar-Rabat (Malta), fejn issir referenza ghall-incident illi sehh fit-13 ta' Awissu 2008 u, fil-konfront ta’ l-intimat, qieghed jintalab sabiex jiddesisti milli jkompli l-agir abussiv tieghu, filwaqt illi fil-konfront tal-Pulizija, qieghed jintalab li jinbdew proceduri kriminali fil-konfront ta’ l-intimat.

Rat ix-xhieda ta' **David Delmar**, hu r-rikorrent, ili inghatat viva voce fit-2 ta' Frar 2011.

Rat ix-xhieda ta' **Antoinette Guntrip**, l-gharusa ta' David Delmar ghal-tmintax-il sena, li inghatat viva voce fit 2 ta' Frar 2011.

Rat ix-xhieda ta’ l-**Ispettur Joseph Agius** moghtija fid-9 ta' Marzu 2011.

Rat illi r-rikorrenti iddikjara ili ma ghandu ebda provi ohra x'jipproduci salv is-sentenza tal-Qorti meta dina tigi pronuncjata minnha.

Rat illi fit-22 ta' Gunju 2011, l-intimati iddikjaraw illi ma ghandhomx provi xi jressqu u l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali

Semghet it-trattazzjoni orali ta’ l-avukati tal-partijiet fis-17 ta' Ottubru 2011.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fl-4 ta' April 2011 u kkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fis-7 ta' Dicembru 2011 fejn r-rikorrent gie liberat mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu peress illi l-Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti u, in applikazzjoni tal-massima 'in dubio pro reo', il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kaz odjern hija rizultat ta' proceduri ta' separazzjoni pendenti bejn ir-rikorrent James Delmar u l-intimata Charlene Delmar, fil-mori ta' liema proceduri, kien hemm incident bejn iz-zewg partijiet illi sehh fit-13 ta' Awissu 2008, fejn l-intimata Charlene Delmar allegat illi r-rikorrent sforza ruhu fizikament u abbuzivament kontra l-volonta' taghha.

Bhala rizultat ta' tali incident, l-intimata Charlene Delmar marret ghand l-avukat taghha, li ipproceda minnufih u korrettement sabiex jaghmel kwerela lill-Pulizija fejn talabhom jibdew proceduri fil-konfront tar-rikorrent filwaqt illi ghamel ukoll ittra lill-istess rikorrent fejn interpellah sabiex dak li allegatament sehh ma jergghax jirrepeti ruhu. Dawna z-zewg ittri inkitbu fl-14 ta' Awissu 2008.

Fl-istqarrija guramentata twila u preparata ghalih, ir-rikorrent James Delmar jghid illi fil-proceduri civili illi qed jittiehdu fil-Qorti tal-Familja, iz-zewg intimati ghamlu dikjarazzjonjiet bla bazi u malafamanti fil-konfront tieghu kif ukoll saru diversi atti gudizzjarji ohra fejn intqalu li tali akkuzi kienu foloz - madanakollu, r-rikorrent ma kienx kapaci jipproduci ebda minn tali dokumenti allegatament foloz u ghalhekk il-Qorti ma hijiex f'pusizzjoni illi tivverifika dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent.

Illi sussegwentement, fix-xhieda tieghu il-Qorti, r-rikorrent jaghmel referenza ghal zewg ittri mibghuta lilu u lill-Pulizija mill-avukat ta’ l-intimata Charlene Delmar, liema ittri ma kienux tnizzlulu u ma kienux issemmew fl-istqarrija voluminuza tieghu.

Illi jirrizulta li permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 4 ta' April 2011, fejn ir-rikorrent kien qieghed jinfaccja l-akkuzi maghmulha fil-konfront tieghu permess ta’ l-ittra fuq imsemmija u datata 14 ta' Awissu 2008, ir-rikorrent gie liberat mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Tali decizjoni giet ikkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell permezz ta' sentenza taghha datata 7 ta' Dicembru 2011.

**Ikkunsidrat**

Illi ghalkemm r-rikorrent ghamel akkuzi dwar diversi dokumenti u atti ohra fejn l-intimati ghamlu akkuzi malafamanti fil-konfront tieghu, huwa ma ipprezenta ebda minn tali dokumentazzjoni salv zewg ittri miktuba mill-konsulent legali ta’ l-intimata Charlene Delmar, gia fuq imsemmija.

Illi, ghalkemm tali dokumentazzjoni ma kienetx fil-pussess tal-Qorti, jidher car illi kemm l-ittri mibghuta mill-konsulent legali u datati 14 ta' Awissu 2008 kif ukoll id-dokumentazzjoni kollha l-ohra imsemmija mir-rikorrent izda qatt ipprezentati, huma lkoll parti minn proceduri gudizzjarji li hemm pendenti bejn ir-rikorrent James Delmar u l-intimata Charlene Delmar.

**Ikkunsidrat**

Illi l-intimati jilqghu ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom billi jressqu erbgha eccezzjonijiet principali:

L-ewwel eccezzjoni hija li r-rikorrent ma ghandhux dritt jirrapprezenta lil bintu Martina Frances Christine Delmar.

It-tieni eccezzjoni hija li l-istess Martin Frances Christine Delmar ma ghandha ebda interess guridiku fil-kaz odjern.

It-tielet eccezzjoni hija li l-pubblikazzjoni hija wahda privileggjata a tenur ta' l-artikolu 33 (d) tal-Kap 248.

Ir-raba eccezzjoni hija li l-fatti kollha minnha allegati huma veritjeri u ghalhekk ma hemm xejn malafamanti fihom.

Dwar l-ewwel eccezzjoni, issir refereza ghall-artikolu 781 tal-Kap 12 li jipprovdi li

*M'humiex kapaċi biex joqogħdu f'kawża bħala atturi jew bħala konvenuti:*

*(a) il-minuri, ħlief fil-persuna tal-ġenitur li jkun qed jeżerċita s-setgħa tal-missier, jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-persuna ta' tutur jew kuratur;*

Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ma tqiesx illi r-rikorrent kellu joqghod idahhal lit-tifla tieghu ta' ftit snin fil-proceduri odjerni, jidher illi, a tenur ta' tali artikolu tal-Ligi, r-rikorrent kellu dritt illi jirrapprezenta lil bintu. Ghalhekk tali eccezzjoni ma tregix

It-tieni eccezzjoni tirrigwarda l-*locus standi* tal-minuri Martina Delmar fil-proceduri odjerni bhala rikorrenti.

Illi mill-atti pprezentati quddiem din il-Qorti min naha tar-rikorrent, ma jidher imkien illi l-minuri ta' sentejn u nofs setghet kienet b'xi mod malafamata u/jew ingurjata, u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni assoluta ghaliex r-rikorrent, di sua sponte, ghazel illi jintavola l-proceduri odjerni ghan-nom taghha. Anzi, jinghad illi bl-agir tar-rikorrent, l-minuri bdiet tibki.

Ghalhekk l-intimati huma korretti illi jressqu tali eccezzjoni fil-konfront tal-minuri Martina Frances Christine Delmar

It-tielet eccezzjoni tirrigwarda l-privilegg illi l-komunikazzjoni li dwarha qieghed jilmenta r-rikorrent ghandha, bhala raguni ta' liema privilegg, l-azzjoni odjerna ma setghetx issir.

Illi dwar dan il-punt wiehed ghandu jirreferi ghall-Artikolu 33 tal- Kap 248 li jipprovdi illi:

*"ma tista' tittiehed ebda azzjoni dwar il-pubblikazzjonijiet li gejjin ...*

*(d) pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' procedimenti f'qorti tal-gustizzja f'Malta, kemm il-darba dawk ir-rapporti ikunu rapporti gusti tal-procedimenti u l-pubblikazzjoni ta' dawk ir-rapporti jew proceduri ma tkunx projbita b'ligi jew mill-qorti".*

Illi minn dan jirrizulta li l-privilegg assolut kontenut fl-artikolu fuq citat ma jistax jigi vantat mill-istess konvenut u dan ghaliex ma hemm l-ebda dubju li dan il-kaz ma jittrattax dwar proceduri f'qorti izda jirreferi ghall-ittra illi attwalment wasslet ghall-proceduri fil-Qorti.

Illi kif inghad fis-sentenza "Ian Ciappara vs Islands Hotel Group" (P.A. (RCP) 10 ta' Lulju 2000)

*"li tali pubblikazzjonijiet privileggjati huma ntizi bhala rikonoxximent legislattiv tal-fatt li f'certi cirkostanzi dettati minn public policy jirrikjedi li bniedem ikun liberu minn kull responsabilita` ghall-publikazzjoni ta' kliem defamatorju jew libelluz. Ghalhekk isegwi li tali privilegg m'ghandux jigi estiz, hlief ghal kazi indikati mill-ligi, certament li fejn dan jezisti dan ghandu jigi ritenut bhala assolut".*

Illi skond il-Gatley "On Libel and Slander." jinghad illi:-

*"An absolute privilege attaches (inter alia) to the following:*
*(1) Statements made in the course of judicial proceedings;*
*(2) Statements made in the course of quasi judicial proceedings;*
*(3) Statements contained in documents made in judicial or quasi judicial proceedings".*

Illi r-regola generali ghalhekk hija li
*“no action will lie for defamatory statements whether and or written, made in the course of judicial proceedings before a court of justice or a tribunal ... The authorities establish beyond all question this: that either party, witness, counsel, jury, nor judge, can be put to answer civilly or criminally for words spoken in offices, that no action for libel or slander lies whether against judges, counsel, witnesses, or parties for words spoken in the course of any proceeding before any court recognized by law and this although the words were written or spoken maliciously, without any justification or excuse ...”(pg 385).*

Illi dan il-privilegg jestendi mhux biss ghal kliem mitkellem jew miktub “in the ordinary course of any proceeding before any court or tribunal recognised by Law” izda wkoll “to any matter incidental to the proceedings practically necessary for the administration of justice (para 383)”.

Illi fil-fatt hemm tlett kategoriji ta’ tali privilegg f’dak li jirrigwarda proceduri gudizzjarji u cioe`:

(a) “Coram Judice” dak li jsir proprio quddiem il-Qorti, bhal xhieda, trattazzjoni, dokumenti, noti ta’ osservazzjonijiet, etc;

(b) dak kollu li jsir mill-bidu ta’ l-istess proceduri u testendi wkoll ghal kull dokument li jsir sabiex jaghti bidu ghall-istess proceduri, inoltre l-att tac-cittazzjoni innifisha;

(c) atti preparatorji li jinkludu xhieda intizi sabiex jitressqu biex jaghtu tali xhieda quddiem Qorti kompetenti.

Illi tali privilegg jestendi hawn ghall-gudikanti, avukati, xhieda u l-partijiet innifishom, u fl-ahhar kaz imsemmi, gie stabbilit illi l-ebda azzjoni ma tista’ tittiehed fil-konfront tieghu ghal dak minnu dikjarat “

*in any pleading, answer to interrogations, on affidavit, or in the course of conducting his own defence in person,*

*either civil or criminal ... ... or for instructions given for the preparation of a pleading or like document”* (para. 401),

Illi fl-ahharnett, jinghad li bhala ancillari ghal dak fuq espost, gie ritenut wkoll li l-ebda azzjoni ma tista’ tittiehed dwar kull dokument li huwa incidentali ghal bidu proprio ta’ proceduri gudizzjarji jew quasi gudizjarji, u f’dan il-kuntest huwa ritenut dak li inghad fil-kawza “Timmis vs Bennett” (1958) fejn il-forma ta’ l-istess dokument hija ta’ importanza massima sabiex tistabbilixxi l-estensjoni ta’ tali privilegg.

Illi, fil-kaz in ezami, applikat dawn il-principji, ma hemmx dubju li l-ittri indikati jifformaw parti minn proceduri gudizzjarji illi taghhom hija tat bidu, u ghalhekk ghandhom jitqiesu bhala dokumentazzjoni privileggjata li dwarhom ma tista tittiehed ebda azzjoni ta' libell a tenur ta’ l-artikolu 33 (d) tal-Kap 248.

Illi dwar ir-raba eccezzjoni, peress illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll il-Qorti ta’ l-Appell gia ippronuncat ruhha dwar tali fatti, din il-Qorti, anke tenut kont tal-fatt illi gia gew identifikati eccezzjonijiet illi setghu jigu milqugha, u ghall ahhar ekonomija tal-gudizzju, ser tastjeni milli tkompli tikkonsidra tali eccezzjoni.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi tali azzjoni mehudha mir-rikorrent u mnieda mill-konsulent legali tieghu hija wahda odjuza u frivola u ma messha qatt giet imnieda mill-bidu nett, kemm ghax ghazel li jdahhal fin-nofs tarbija ta' sentejn u nofs fil-glieda bejnu u l-mara tieghu, l-intimata Charlene Delmar, kif ukoll peress illi huwa fatt maghruf li l-atti gudizzjarji ma humiex soggetti ghall-proceduri ta' libell. Hemm proceduri ohra illi wiehed jista jniedi, izda certament mhux dawk ta' libell kif ikkontemplati fil-Kap 248.

Il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnutax illi ghalkemm r-rikorrent intavola rikors twil u ipprezenta stqarrija

guramentata lilu ppreparata u minnu guramentata, huwa ma kienx kapaci illi jipprezenta ebda dokumentazzjoni biex jissostanzja dak minnu allegat, u l-unika dokumenti illi prezenta kienu zewg ittri illi l-kontenut taghhom certament qatt ma seta jitqies bhala malafamanti peress illi kull ma kien, kien rapport ta' fatti illi sehhew.

Il-Qorti tqies illi l-proceduri ta' libell huma l-ahhar azzjoni illi wiehed ghandu jadopera meta wiehed ihossu malafamat u hadd ma ghandu jabbuza bil-proceduri ta' libell sabiex jghakkes lill-kontro parti u biex jaghmel hsara lill-persuna l-ohra. L-uzu ta' tali proceduri ghal dan il-

ghan huwa kundannabbli u ghandu jigi ppenalizzat mill-Qrati, peress illi tali proceduri jwasslu sabiex il-hin prezzjuz tal-Qrati jittiehed minn kawzi dettati unikament minn pika u msahhna mill-konsulenti legali b'mod illi kawzi genwini jkollhom jistennew sakemm tali kawzi jigu decizi.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat il-provi prodotti u semghet ix-xhieda prodotta,

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi billi

Tichad l-ewwel eccezzjoni filwaqt illi tilqa’ t-tieni u tielet eccezzjonijiet u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba eccezzjoni, u ghalhekk

Tichad it-talba attrici

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu ta’ l-attur

In vista tal-fatt illi tali att da parte tar-rikorrent kien wiehed fieragh u vessatorju, il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 10 (1) tat-Tariffa A li tinstab fi Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-attur ihallas bhala spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qrati l-ammont ta' seba’ mitt Euro (€700) filwaqt illi a tenur tal-Artikolu 10 (2) tal-istess Tariffa A

qieghda tirreferi lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja lill-avukat ta’ l-attur, ossija Dr Emmy D Bezzina, peress illi huwa kien l-avukat responsabbli illi beda tali proċeduri fiergħa u vessatorji, sabiex jigi investigat mill-istess Kummissjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------